**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**-vs-**

**Raymund Rossignaud, detentur tal-karta tal-identità numru 375648M;**

**Rudolph Rossignaud, detentur tal-karta tal-identità numru 606550M; u**

**Alfred Farrugia detentur tal- karta tal-identita' numru 102062M**

***Kumpilazzjoni Nru. 520/2016***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Rudolph Rossignaud, Raymund Rossignaud (aktar il-quddiem msejjah hekk kif maghruf bhala Ramon Rossignaud), u Alfred Farrugia u ċioè talli:

Nhar il-31 ta' Marzu, 2012, għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara nofsinhar, ġewwa dawn il-gżejjer, u ċjoè ġewwa blokka ta' appartamenti bin-numru 12, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema:

1. Raymund Rossignaud u Rudolph Rossignaud fil-kapaċità tagħhom personali u/jew ta' persuni li ħaddmu jew talbu servizz, u kif ukoll lil Alfred Farrugia fil-kapaċità tiegħu personali u/jew ta' persuna li offriet servizz, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom

jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunaw feriti gravi segwiti bil-mewt ta' Norman Rossignaud.

Fl-istess data u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer u ċjoè ġewwa l-istess blokka ta' appartamenti:

2. Raymund Rossignaud u Rudolph Rossignaud fil-kapaċità tagħhom personali u/jew ta' persuni li ħaddmu jew talbu servizz, naqsu milli jħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u naqsu mili jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa raġenevolment prattiku.

3. fl-istess data u perjodu, lok u ċirkustanzi Alfred Farrugia fil-kapaċità tiegħu personali u/jew ta' persuna li offriet servizz, naqas milli jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu, kif ukoll dik tal-persuna li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u naqas mili jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa raġenevolment prattiku.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhomx l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn ser jigi trattat il-punt difensjonali sollevat mid-difiza rigward l-ewwel imputazzjoni, u cioe` li l-akkuza hekk kif addebitata lill-imputati ma tezistix.

Illi hu minnu li l-ewwel imputazzjoni mhi xejn ghajr imputazzjoni ibrida; invenzjoni krejata billi gew amalgamati flimkien il-*mens rea* ghall-delitti involontarji mal-*actus reus* tad-delitt ravvizat bl-artikolu 220 tal-Kodici Kriminali u cioe` dak tal-offiza [volontarja] gravi segwita bil-mewt.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela Micallef** deċiża mill-Imħallef William Harding nhar is-16 t'April 1955:

Fil-kaz prezenti, l-ufficjal prosekutur uza lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-ligi, la f'inciz wiehed u anqas fl-iehor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege"
….. jehtieg li tigi abbundanata darba ghal dejjem din id-drawwa li tigi uzata mill-ufficjal prosekutur lokuzzjoni spurja, li ma ssibx riskontru taghha fil-ligi, u li biha l-Prosekuzzjoni qiesha trid li l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' fatt li, kif formulat, ma jaqghax taht ebda dispozizzjoni tal-ligi…….
Imma jehtieg li fl-imputazzjoni r-reat jigi formulat skond il-ligi altrimenti reat ma hemmx; ghax il-kliem inventati mill-ufficjal prosekutur, u mhux in konformita mal-ligi, ma joholqux reat.[1]

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ukoll kellha okkazzjoni tittratta dan il-punt u ddecidiet:

Għaldaqstant ir-reat ipotizzat bl-ebda mod, għajr ħlief permezz t'immaġinazzjoni fertilissima, ma jista' jintegra dan ir-reat.

Biss minkejja li ġie ipotizzat dan ir-reat taħt dak l-Artikolu, jirriżulta li l-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni ma tirrispekkjax dan l-Artikolu u huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif il-Prosekuzzjoni tista' tirrikonċilja l-imputazzjoni mal-Artikolu minnha ċitat.[2]

Sentenza oħra f'dan is-sens moghtija mill-istess Qorti kienet dik **Il-Pulizija vs Christopher Abela:**

Iżda minn qari tal-imputazzjoni jirriżulta li l-kliem użat f'din l-imputazzjoni jirrifletti aktar ir-reat ta' fastidju aktar milli r-reat ta' daqq ta' strumenti tal-mużika jew għajjat fit-triq jew fi ħwienet. Għalkemm huwa minnu li hemm ġurisprudenza paċifika li ċ-ċitazzjoni hija ritenuta bħala "*avviso a comparire*", mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li l-azzjoni hija ta' natura penali u għalhekk irid ikun hemm ċerta preċiżjoni fil-mod ta' kif imputazzjoni tiġi redatta u dan sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu għaliha. ….. Bħal ma ġara f'dak il-każ, f'dan il-każ, il-lokuzzjoni tal-imputazzjoni tgħaqqad fiha biċċa minn reat u biċċa minn reat ieħor. Il-Qorti Kriminali kienet tenniet li din il-lokuzzjoni ibrida ma ssibx korrispondenza fit-test tal-Liġi, la f'inċiż wieħed u l-anqas f'ieħor u meta hu hekk il-konsegwenza hija li "*nullum crimen sine lege*". Għalhekk ikkonkludiet li r-reat irid ikun formulat skont il-Liġi għax altrimenti reat ma hemmx. [3]

Kwindi fuq dan l-insenjament qatt ma tista tinstab htija fuq din l-imputazzjoni hekk kif fformulata.

Illi l-imputati gew akkuzati wkoll b'reati ai termini tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` dawk ravvizati bl-artikolu 6 u 7 tal-Att.

---

[1] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Spuerjuri, Vol. XXXIXE(1955), p.1015
[2] **Il-Pulizija vs Eusebio Buhagiar**, per Onor. Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja Deciza 03.06.2016.
[3] Deciza 04.10.2016

Illi rigward dawn l-imputazzjonijiet ma ngiebet ebda difiza ghajr is-sottomissjoni maghmula mill-abbli difensuri tal-imputati li galadarba min korra ma kienx impjegat jew haddiem, ma kienx isib applikazzjoni l-Att imsemmi.

Illi jidher li d-difiza ghamlet din is-sottomissjoni in vista tax-xhieda ta' **David Saliba** in rapprezentanza tal-Awtorita` Ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol meta dan ghadda biex jispjega li galadarba ma kienx hemm xoghlijiet ghaddejjin fil-fond, il-kaz ma kienx jaqa' taht ir-*remit* tal-awtorita` u ghalhekk ma saret ebda indagni da parti tal-awtorita`.[4] Skond ix-xhud f'kazijiet **fejn l-kostruzzjoni tkun intemmet il-fond ma jibqax meqjus bhala 'post tax-xoghol'** u ghalhekk kwalunkwe incident imur oltre` ir-remit tal-awtorita`![5]

Il-Qorti taghmel riferenza ghal Att innifsu senjatament l-Artikoli 4 u 5 tieghu li jipprovdu:

**4.** (1) Il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta' interess pubbliku.

(2) L-Awtorità stabbilita bis-saħħa ta' dan l-Att tkun responsabbli li tiżgura li jinġieb 'il quddiem u li tiżgura li jkun salvagwardat minn kull min għandu dak l-obbligu il-ġid fiżiku, psikoloġiku, u soċjali tal-ħaddiema kollha fil-postijiet kollha tax-xogħol.

**5**.L-Awtorità għandha tiżgura li jinżammu l-livelli ta' protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol kif stabbiliti b'dan l-Att u b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

It-tifsira li l-istess Att jaghti ghal 'post tax-xoghol' hi:

"post tax-xogħol" tfisser kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu

Illi mbghad l-artikolu 6 tal-Att jiddisponi li:

**6.** (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:

[4] Fol.74
[5] Fol.78

Illi kif wera d-dibattitu li zvolga fi stadju ta' Kumitat Parlamentari meta kien qed jiddiskuti l-Abbozz Ta' Ligi dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, ir-*ratio legis* kien dijametrikament oppost ghal xi intendiment li l-Att u allura mieghu l-funzjoni tal-Awtorita`, kien japplika biss ghal haddiema, kif donnha trid issostni l-abbli difiza! Mhemmx dubbju li hawn japplika l-principlju ta' dritt *Ubi lex voluit dixit*. Fejn il-legizlatur ried jiddistingwi bejn *'haddiem'* jew *'min ihaddem'* dan ghamlu specifikatament izda fl-artiklu 6 ghazel li jitkellem fuq kategorija ta' nies differenti, cioe`fuq dawk il-"***persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol*** "

Illi l-Att prezenti kien issostitwixxa l-Att VII tal-1994 u ddipartixxa minnu fuq diversi aspetti inkluz l-applikabilita` tal-ligijiet li kien qed jipprovdi dwarhom. Din il-ligi dahlet fis-sehh permezz tal-Att XXVII tal-2000. L-ghan tal-legislatur kien illi dik il-ligi tassigura mhux biss is-sahha ta' haddiema izda ta' terzi in generali li b'xi mod jigu affettwati **b'xoghlijiet li jkunu ghaddejjin.** Dan gie rifless fid-dibattitu parlamentari li kien sar f'dak iz-zmien. Fil-fatt l-Vici Prim Ministru l-Onorevoli Lawrence Gonzi fit-Tieni Qari ta' dak l-Abbozz kien tkellem hekk:[6]

**Vici Prim Ministru Onor. Lawrence Gonzi**: Mr Speaker, ma rridux nieħdu l-impressjoni li f'pajjiżna donnu qisu qatt ma sar xejn fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema tagħna. Dan huwa proċess li ilu għaddej numru twil ta' snin u llum wasal il-mument li nirrikonoxxu li hemm bżonn li nagħmlu qabża fil-kwalita' ta' l-istruttura nazzjonali ta' pajjiżna biex ikollna tassew qafas effettiv ħafna iżjed milli qatt kellna sal-lum...... l-ewwel pass f'dan il-qasam f'pajjiżna ġie irreġistrat fl-1940, meta kienet għaddiet dik li aħna nsibuha bħala l-Ordinanza tal-Fabbriki.......

Mr. Speaker, aħna bqajna mexjin b'din l-ordinanza li kienet qiegħda tirregola dan l-qasam għal numru twil ta' snin sakemm imbagħad f'Jannar ta' l-1988 twaqqaf l-ewwel *working committee* tripartitiku li fih kienu qed jieħdu sehem l-imsieħba soċjali. ..... Kien kumitat li ħadem u fil-fatt kien ipprepara rapport li kien sar bl-għajnuna ta' esperti li kienu ntbagħtu hawn Malta mill-*world health organisation*. Kien proċess ta' diskussjonijiet twal. Ir-rapport kien għadda għand il-ministru tal-politika soċjali ta' dak iż-żmien, u fil-fatt fl-aħħar kien wassal għal liġi ġdida f'pajjiżna, li kien l-Att VII ta' l-1994, li aħna nafuha bħala l-liġi għall-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol......

[6] Seduta Nru. 387; It-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2000

Dan iwassalna għal-liġi nnifisha u hawnhekk irrid ngħid, kif għedt ukoll dalgħodu, li aħna ma ridniex nivvintaw ir-rota mill-ġdid. Aħna konna nafu xi rridu għax għandna l-kummissjoni u għandna l-esperjenza u allura sempliċement għedna - u kulħadd kien qed jaqbel - li issa għandna bżonn ngħollu dan il-*framework* kollu fuq livell iżjed effettiv......U f'dan is-sens għamilna użu qawwi ħafna tal-mudell Ewropew f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol. Fil-fatt f'dan il-qasam għandna dik li tissejjaħ bħala l-*framework directive* prinċipali, li hija l-*framework directive 89/391/EEC*........ Naturalment lanqas nistgħu nħallu barra l-esperjenza pożittiva li aħna kellna bil-liġi ta' l-1994 u meta wieħed din iqabbilha ma' dik li għandna llum jinduna li hemm artikoli komuni bejniethom. Dan għaliex aħna dehrilna li għandna ninkorporaw f'din il-liġi dak li dehrilna li kien tajjeb u pożittiv fl-esperjenza li kellna taħt dik il-liġi....

Illi minn dak li gie diskuss fi stadju ta' kumitat jirrizulta cjar u lampanti li l-artikoli 6 u 7 minn dejjem kienu intizi sabiex joffru protezzjoni ghal terzi persuni sahansitra anke jekk dawn ma jkunux fuq il-post tax-xoghol izda li madanakollu jistghu ikunu affettwati avversament b'dawk ix-xoghlijiet.

Ghaldaqstant **dment li l-attivita` ta' xoghol ghada ghaddejja**, jekk min jigi afftetwat aversament b'dak ix-xoghol ma jkunx haddiem, l-Awtotita` jibqala' funzjoni x'taqdi. Ai termini tal-artikolu 6 u 7 tal-Att, l-Awtorita` tibqa' rilevanti, b'funzjoni definita mill-ligi li, *inter alia,* tizgura li **min iħaddem qed jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol u mhux semplicement haddiema li jkunu qed jaghtu servizz jew jizvolgu l-hidma taghhom fuq dak il-post tax-xoghol**:

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Waqt li qed nikkonsidraw din il-liġi jkun tajjeb jekk inżommu quddiemna wkoll Att VII ta' l-1994 għax hawn ċerti klawsoli li ttieħdu *lock, stock and barrel* mil-liġi ta' l-1994. Il-biċċa l-kbira tat-terminoloġija f'dan l-abbozz ta' liġi hija riproduzzjoni ta' dak li hemm f'Att VII ta' l-1994, però hemm xi innovazzjonijiet ukoll, u se nipprova niffoka fil-qosor fuq l-innovazzjonijiet. .....

Fil-fatt se niġu għal dan il-punt fi klawsoli 6 u 7 fejn għamilna bidla fundamentali - fl-opinjoni tiegħi importantissima - u nispjegaha meta naslu għal dawk il-klawsoli. Imma għall-mument ngħid li klawsola 6, li tittratta d-dmirijiet ta' min iħaddem, tgħid:

*"Min iħaddem għandu dejjem iħares is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġi affettwati bix-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu għal dik il-persuna li tħaddem.".*

Hemmhekk m'aħniex ngħidu tal-ħaddiema *imma "tal-persuni kollha li jistgħu jiġi affettwati bix-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu."* U klawsola 7, li titkellem fuq id-dmirijiet tal-ħaddiema, għandna wkoll din il-bidla billi ngħidu:

"*Huwa d-dmir ta' kulħadd li jissalvagwarda s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*"

Jiġifieri wieħed jinduna mill-ewwel li l-kunċett huwa proprju li aħna jinteressana li l-ħaddiem jieħu ħsieb ta' saħħtu, imma jirrealizza wkoll li jkun qed jipperikola, jekk ma joqgħodx attent, mhux biss lilu nnifsu imma anke s-saħħa ta' ħaddiema sħabu, l-ewwel u qabel kollox, imma jista' jkun anke ta' persuni terzi.

Il-punt li għamel l-Onor. Buhagiar fit-Tieni Qari kien proprju dan, speċjalment fejn jidħlu proġetti ta' kostruzzjoni. Ħafna drabi tkun qed issir kostruzzjoni fiċ-ċentri ta' l-ibliet u jekk Allaħares qatt ikollok inċident u jaqa' kantun mhux biss tkun qed tipperikola s-saħħa tal-ħaddiema imma kapaċi - anzi żgur - li tkun qed tipperikola is-saħħa ta' min ikun għaddej fit-triq għalll-affari tiegħu, jew ta' nies li jkunu residenti fil-viċin. Jiġifieri iva, naqbel perfettament u dan il-punt inkunu nistgħu nenfasizzawh meta niġu għal klawsoli 6 u 7. [7] .......

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Hawnhekk għamilna bidla kbira mit-*text* tal-liġi ta' l-1994. Anzi l-intenzjoni tagħha hawnhekk hija li r-responsabbilta' ta' l-*employer* ma tkunx biss *vis-a-vis* l-ħaddiema tiegħu imma tkun mifruxa wkoll fuq terzi persuni li ma jkunux impjegati tiegħu u li b'riżultat ta' deċiżjonijiet, negliġenza jew nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurta' minn dan l-istess *employer*, isofru xi danni. Klawsola 6 qiegħda hemm għal dan il-għan u huwa għalhekk li tgħid li:

"*it shall be duty of an employer to ensure the health and safety at all times of all persons who may be affected by the work being carried out for such employer* "[8] .....

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Klawsola 6 titkellem fuq id-dmirijiet ta' min iħaddem. Din hija klawsola ta' ċerta importanza għax qed tgħid li min iħaddem għandu obbligu li dejjem iħares lejn is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol kollu li jkun qed isir. Huwa importanti li nenfasizza dan il-punt li diġa' għamilnieh għax dan huwa *breakthrough* fuq il-kunċetti. Il-liġi ta' l-1994 iffokat fuq id-dmir ta' min iħaddem direttament mal-ħaddiema tiegħu. Wara li eżaminajna l-esperjenza f'pajjiżi oħrajn - mhux biss teżamina, għax inti lanqas għandek għalfejn teżamina l-esperjenzi ta' pajjiżi oħrajn imma biżżejjed teżamina l-esperjenzi lokali u reali tagħna - mill-ewwel indunajna li kultant nuqqas ta' attenzjoni, traskuraġni jew nuqqas ta' *employer* li jħares regolamenti, jipperikola mhux biss lill-ħaddiema imma anke lil persuni terzi. Allura hawnhekk għamilna din il-bidla fil-kunċett billi issa qed nerfgħu r-responsabilita' fuq min iħaddem biex jirrealizza li jekk hu ma jħarisx ir-regolamenti jew l-artikli stabiliti taħt din il-liġi, anke jekk ma jkunx qed jipperikola lill-ħaddiema pero' jkun qed jipperikola lil terzi persuni, dak huwa responsabbli għal ksur tal-liġi. Naħseb li dan il-punt huwa l-aktar punt importanti f'din il-klawsola. Din il-klawsola tirrigwarda wkoll dik li qed ngħidulha l-*prevention policy,* jiġifieri l-istrateġija li dak li jkun jagħmel ħiltu biex jevita l-perikli jew ir-riskji li jista' jkun hemm. ....

[7] Seduta Nru. 399; L-Erbgħa, 18 ta' Ottubru, 2000
[8] Seduta Nru. 401; Il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 2000

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: L-ewwelnett irridu naraw x'qed infissru meta ngħidu koperti. Din il-liġi mhijiex qed tindirizza l-obbligi ċivili, min se jħallas id-danni u dawn l-affarijiet kollha. Din hija liġi li qed titkellem dwar miżuri li jridu jiġu implimentati u segwiti minn min iħaddem u minn min jaħdem fil-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta' tiegħu. Issa dak li jolqot lil terzi persuni huwa li aħna m'aħniex qed nikkuntentaw billi *employer* jieħu l-miżuri li ma jesponux lill-ħaddiema tiegħu għar-riskji. Bħalma għamlu pajjiżi oħrajn, aħna qed immorru *oltre* minn hekk, jiġifieri m'aħniex qed nivvintaw xi ħaġa ġdida. Aħna lill-*employer* qed ngħidulu li mhux biżżejjed li joqgħod attent kif se jintlaqtu l-ħaddiema tiegħu imma jrid joqgħod attent ukoll li ma jkunx hemm riskji u perikli għas-saħħa u s-sigurta' ta' terzi persuni. Issa jekk l-*employer* ikun segwa r-regolamenti u xorta jiġri xi inċident fejn ikun weġġa' xi ħadd, ma jfissirx illi min weġġa' m'għandux rikors taħt il-liġi ċivili għad-danni, jekk ikollu każ fuqhiex jikklejmja d-danni. Imma dak huwa qasam ieħor u mhuwiex regolat b'din il-liġi. Proprju għal dan l-iskop m'għandniex nidħlu hawnhekk. Li qed ngħidu lill-*employer* hawnhekk huwa li dan se jkollu obbligi taħt din il-liġi u taħt regolamenti maħruġin b'din il-liġi u dan irid japplikahom biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurta' mhux biss tal-ħaddiema tiegħu imma wkoll ta' terzi persuni li jistgħu jkunu affettwati minn xi xogħol. Dan huwa l-kunċett għax dwar il-punt li semma l-Onor. Chircop imbagħad hemm il-liġijiet ċivili. [9]

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO**: Napprezza li din ġiet mogħtija widen u tajjeb li dawn diġa jeżistu. Ma nafx jekk hux possibbli li dawn ir-regolamenti jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra. Jekk inhu possibbli li d-dipartiment jiġborhom flimkien u jgħaddilna kopja, napprezza ferm. Xtaqt ngħid ukoll, Sur President, li din l-istorja tas-saħħa tat-terzi jien għadni nkwetata fuqha. Se nagħti eżempju konkret biex ninftiehem mill-ewwel.

Sfortunatament aħna għad għandna ħafna *small businesses,* bħal *sprayers* tal-karozzi u *mechanics,* li qed joperaw minn *residential areas*. Per eżempju, it-*toxic fumes* li joħorġu minn dan l-i*spray* definittivament jaffettwa lil min jużah u anke lin-nies ta' l-akkwata. Jiġifieri f'liema parti f'din il-klawsola nistgħu nserrħu rasna li min qiegħed jagħmel dan ix-xogħol inġegħluh jieħu l-miżuri biex mhux iħares lilu nnifsu u l-ħaddiema tiegħu imma anke jħares lil min forsi jgħix bieb ma' bieb miegħu? *I am very conscious* tagħha din il-ħaġa għax Ħal Qormi huwa wieħed mill-postijiet partikolari fejn għandna dawn il-ħafna *small businesses,* li proprju qegħdin fil-*core* tar-raħal. *Somehow* irridu nassiguraw li t-terzi persuni li m'għandhom x'jaqsmu xejn max-xogħol ikunu protetti wkoll.

Niftakar li fit-tieni qari semmejt il-każ ta' dik il-*warehouse* kbira mimlija *thinners* taż-żebgħa li ħadet in-nar u għal min kien joqgħod fis-sular ta' fuq kienet traġedja. M'hemmx dubju li l-effett ta' l-irwejjaħ żġur li nħass *for miles around*. F'liema parti ta' din il-liġi aħna nistgħu nserrħu rasna li min iħaddem irid jieħu ħsieb dawn l-affarijiet?

**ONOR. LAWRENCE GONZI:** Sur President, naħseb dan kien il-punt kardinali li ddiskutejna fl-aħħar seduta meta konna qed nagħmlu klawsola 6. Din il-klawsola, b'differenza għal dak li hemm fl-Att VII ta' l-1994, issa tgħid li min iħaddem għandu dejjem iħares is-saħħa u s-sigurta' tal-persuni kollha li jistgħu jiġi affettwati mix-xogħol li jkun qiegħed isir. Jiġifieri hawnhekk hawn estensjoni tar-responsabbilta' fuq min iħaddem.

[9] Seduta Nru. 402; Il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 2000

Dan jinsab ukoll fil-klawsola li jmiss, li titkellem fuq id-dmirijiet tal-ħaddiema. Il-*wording* huwa magħmul b'tali mod li jkopri lil dawk kollha li b'xi mod jistgħu jiġu affettwati b'dak ix-xogħol u allura anke l-interessi tat-terzi huma koperti. .....

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Ir-regolamenti kollha kemm huma jidħlu f'dettalji tekniċi u dan isir proprju biex nissalvagwardaw is-saħħa u s-sigurta', *sia* tal-ħaddiema u naturalment anke tat-terzi. Ma rridux lanqas inħallu barra liġijiet oħrajn. Għall-mument qed nitkellmu fuq din, pero' ta min wieħed jgħid li hemm diversi regolamenti li jaqgħu taħt liġijiet oħrajn. Per eżempju, l-ewwel konna qed insemmu l-liġijiet tas-sanita'. Il-kollega tiegħi, l-Onor. Mugliett, li qiegħed maġenbi bħalissa, qed jgħidli li anke taħt l-awtorita' ta' l-ippjanar illum hemm diversi regolamenti li huma proprju mfasslin apposta biex jipproteġu jew ineħħu r-riskju anke għall-terzi.

Dawk huma liġijiet oħra imma, għar-rigward ta' din il-liġi, ir-risposta hi li jekk wieħed jara ċerti regolamenti li ġew ippubblikati taħt il-liġi l-antika ta' l-1994, wieħed jinduna li l-kunċett m'huwiex limitat biss għall-protezzjoni tal-ħaddiema imma wieħed jaħseb anke għall-interessi tat-terzi. Jista' jkun li l-ħaddiem jipperikola lilu nnifsu f'post tax-xogħol, għax ċerti affarijiet jkunu perikolużi fihom innifishom, pero' fl-istess ħin jista' jkun qiegħed anke jipperikola lil persuni terzi. Anke r-regolamenti li diġa jeżistu huma mfassla b'dan il-mod li jkopru ukoll……

**ONOR. LAWRENCE GONZI**: Klawsola 7 hija n-naħa l-oħra tal-munita. Fi klawsola 6 tkellimna fuq ir-responsabbiltajiet ta' min iħaddem u issa se nitkellmu fuq id-dmirijiet tal-ħaddiema. Niġbed l-attenzjoni tal-Kamra li dan l-artiklu huwa fis-sustanza tiegħu meħud minn artiklu 2 tal-liġi ta' l-1994, pero' anke hawnhekk twessgħet ir-responsabbilta' tal-firxa biex indaħħlu ukoll l-interessi ta' persuni terzi.

Il-punt kruċjali ta' dan l-artiklu huwa dak li jingħad fl-ewwel subartiklu li kull ħaddiem għandu jissalvagwarda s-saħħa u s-sigurta' tiegħu stess kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.[10]

Illi esposti l-hsibijiet tal-legislatur fuq id-dispozizzjonijiet in dezamina, ma jifdal ebda dubbju li l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, japplika f'kaz meta l-vittma tas-sinistru ma jkunx haddiem, bhal ma gara fil-kaz ta' Norman Rossignaud.

Ikkunsidrat-

Illi **Margaret Rossignaud**, mart Norman, spjegat kif fil-jum tas-Sibt 31 ta' Marzu, 2012, qabel ma hi w zewgha kellhom johorgu ma binthom, Norman qalilha li kien sejjer fuq il-post fejn kienet ittelghet blokka flats. Din il-blokka jirrizulta li kienet is-sors ta' dizgwid serju bejn l-ahwa li mhux dejjem raw ghajn m'ghajn bejniethom, senjatament l-ahwa

[10] Seduta Nru. 407; L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2000

imputati fuq nahha u Norman minn naha l-ohra. Norman kien mar fuq il-post peress li kienu qed jitqabbdu haddiema minghajr il-kunsens tieghu u ta' martu.[11] Hu telaq xi 12.30pm mid-dar taghhom li qeghda kantuniera boghod fi Creche Street, u peress li ma kellux idum u ma kienx qed jirrispondi l-mobile, hi marret tfittxu. Bdiet tajjatlu u xi hin wara semghatu jinghi.

Ix-xhud spjegat li sabet lil zewgha fil-landing tat-tielet sular, bil-wieqfa mal-koxxa tal-lift fejn kien hemm <u>pellet mpoggija biex tghatti l-bokka tal-lift</u>, *"Ixxejjer rasu qisu going backwards and forwards…..Sibtu ma din il-koxxa ixejjer rasu u ghidt nipprova nilliberah minn dak il-hajt ghax ghidt jaqghali gox-shaft tal-lift ghax il-bieb fix-shaft tal-lift kien hemm pellet mimduda."*.[12] Ir-ritratt a fol. 52 juri fejn instab Norman, filwaqt li ritratt iehor a fol.53 kjarament juri ticpis ta' lewn hamrani niezel fuq il-pellett li jirrizulta kienet dmija; indikazzjoni ta' fejn kien strah Norman wara l-waqgha. Mir-ritratti esebiti jidher li Norman waqa fit-tarf tat-turgien[13] u ghalhekk tela' l-fuq, possibilment kawza tad-dizorjentazzjoni li garrab. Margaret kompliet li *"gismu kien illokjat"* u li inzamm minn ragel li kien sema' l-ghajjat taghha ghall-ghajjut u dahal jaghti l-ghajnuna.[14] Meta giet l-ambulanza *"Ir-ragel kien ser imut….Infatti kien illokjat u biex ipoggi ma setghux inizluh bl-istretcher kellhom qisu siggu ma setax, ma riedx jinzel. Bdew jibkulu, nghajtu inzel u fl-ahhar ma nafx kif nizel. U kien se jmut bla nifs, spicca n-nifs spiccalu."* Tispjega kif il-handrail tal-injam li kienet mwahhla fil-post tas-sular aktar il-fuq kienet spiccat fil-landing tat-tarag[15] u li fejn ic-cappa demm[16] sabet in-nuccali u c-cwievet tal-post[17] – indikazzjoni cjara ta' fejn waqa' Norman.

Illi Margaret Rossignaud spjegat ukoll li Rudolph Rossignaud kien qabbad lilAlfred Farrugia biex iwahhal ilqugh mill-ewwel targa sal-bejt.[18] Saret taf b'dan meta, fis-7 ta' Marzu, 2012,[19] kienu rcevew il-minuti ta' laqgha li kienet saret fl-1 ta' Marzu, 2012, li fil-kors taghha hi

---

[11] Fol.28
[12] Fol.31
[13] Vide Dok. **MR1** a fol.52, **MR7 sa MR10** a fol. 58 sa 61
[14] Fol.36-37
[15] Fol.38. Vide ritratt **MR6** a fol. 57
[16] Vide ritratt **MR9-MR10** a fol.60-61
[17] Fol.44
[18] Fol.46
[19] Fol.48

u zewgha kienu telqu minnha fejn l-ahwa Rossignaud, qua imputati, *"mexxew wahedhom"*.[20] Tiddeskrivi dan l-ilqugh bhala wiehed maghmul minn *"xi njam ta' xi pellet ghax kien hemm hafna gonot fihom"* mqabbdin b'imsiemer tal-azzar.[21]

Mir-ritratti esebiti minn Margaret Rossignaud a fol. 53 u 54 jidher cjar li ma kien hemm ebda prevenzjoni adekwata milli wiehed jaccessa l-bokka tal-lift; certament il-fatt li titqieghed pellet mimduda mal-bokka tax-shaft ma jikkostitwixxi l-ebda *safety precaution* u ghalhekk f'dan ir-rigward u jekk illum ghadu l-kaz, hemm **nuqqas serju da parti tal-ko-propjetarji**.

Illi l-Qorti tista' biss tirrikmanda li jekk ghad hemm xi nuqqasijiet jezistu llum il-gurnata tittiehed azzjoni immedjata minn dawk risponsabbli kollha sabiex tigi evitata xi dizgrazzja. Ma jistax jintnesa dak li xehed David Saliba meta spjega:*"Mela meta ghandhek binja ta' diversi sulari allura mhux qeghdin nghidu ground floor u ghandhek periklu ta' waqat mill-gholi t-tarag jew jekk inti ghandhek access ghal xi lift ghal xi bokka xi lift shaft jew whatever iridu jittiehdu l-prekawzzjonijiet sabiex min jaghmel uzu minn dak it-tarag, minn dak ix-shaft [jigi mwissi]…it's a hazard"*. Dwar l-ilqugh li ghandu jkun fil-post jghid li *"l-ilqugh ghanu jkun sod bizzejjed….Pero mhux qieghed hemmhekk biex isservi bhala poggaman…..Huwa eye-opener…Isma take precautions….il-handrail mhux qieghed hemmhekk biex jissaportjak, qieghed hemmhek to guide you down u to guide you up."*[22]

Illi l-**Perit Richard Aquilina** kkonferma r-relazzjoni tieghu prezentata fl-inkjesta li kienet saret. In kontro-ezami kkonferma li hu ma kienx ha samples tal-injam u lanqas ma gie assistit minn mastrudaxxa.[23] Il-Perit Aqulina kkonferma li l-ilqugh kien maghmul b' *"injam bicciet tal-pellets…. bicciet tal-pellets imwahhlin ma xulxin…kien qieghed* ***flimsy iva****….dan l-****ilqugh kien pjuttost dghajjef*** *peress li kien inhadem minn bcejjec tal-injam pellets circa metru tul li gew msamra ma* ***xulxin minghajr l-imsiemer ma gew irbattuti. Jigifieri l-kostruzzjoni tieghu kienet dghajfa****"*[24]

[20] Fol.47
[21] Fol.44
[22] Fol.75-76
[23] Fol.81
[24] Fol.81-83

Illi xehed l-Ispettur investigattiv **Jesmond Micallef** li kien mar fuq il-post *"….bhala bini ghal ghajnejja kien telgha, tajjeb, izda kien ghad hemm it-tarag kien ghadu mhux lest ......Issa dan it-tarag kellu lqugh temporanju, bhal poggaman temporanju li jekk mhux sejjer zball kien maghmul minn injam speci ta kurrenti, u fit-tielet sular speci ta' dan it-tarag kien hemm parti minn dan l'ilqugh stess li qed insemmi tat-tarag li kien maqlugh minn postu u kien jinsab iktar l'isfel fl-istess tarag. Jista' jkun li tqaccat forsi bil-piz tal-persuna stess li sibna korrut. Kien hemm ukoll iktar dmija fit-tarag li jista' jkun fejn dakinhar kien habat rasu s-Sinjur"*[25] L-Ispettur jikkonferma li ma kienx tkellem mal-vittma peress ma setghax jikkomunika.[26]

Illi xehed **Alfred Farrugia** li spejga li hu kellu licenzja ta' bennej sa mill-1993 li baqghet tiggeded ta' kull sena. Spjega li fix-xoghol tieghu ta' sikwiet irid jahdem bl-injam kemm ghas-soqfa bl-uzu ta' travi ghax-shuttering kif ukoll bit-tqeghdid ta' ilqugh biex jigi skansat il-periklu. Dwar l-ilquh jghid dan isir bil-waqqaf u l-mimdud *"il-waqqaf issamru mall-konkos tat-tarag, imbaghad il-mindud issamru bejn wahda u ohra, bl-imsiemer li jaqbdu minn wahda ghal ohra tajjeb, tuza msiemer kemm ikollok bzonn mhux wiehed, ghax b'wiehed ix-xoghol jigi jizzegleg,….. inti trid tkun taf li tajtu bizzejjed imsiemer li x-xoghol gie sod."*.[27] Ikompli jispjega li biex jaghmel l-ilqugh kien jixtri injam maghruf bhala <u>*"kurrenti tal-abjad"* li ntuza ghal waqqaf</u> ghax ikun aktar sod filwaqt li ghall-mimdud *"uzajt mill-injam li tawni s-Sinjuri"*.[28] Fuq domanda tal-Qorti jekk issoltu kienx juza kurrenti kemm ghal waqqaf u kemm ghal mimdud jwiegeb *"Iva imma dan li tawni huma bhalu kien."*

Kif jintwera aktar il-quddiem, dan jigi **kontradett mill-Perit Aquilina** meta fir-relazzjoni tieghu jirrimarka li l-injam uzat kien l-istess kemm ghal vertikali (waqqaf) kif ukoll ghal mimdud*: "<u>Il-parti vertikali (pilastru) ta' dan l-ilqugh kien ukoll maghmul minn bicciet ta' njam Pallets</u> u dawn kienu msammra ma ras it-tarag.."*[29]

L-imputat ikompli jiddeskrivi x-xoghol li ghamel "*Heqq ifhimni jien dawn il-waqqaf sammarthom mall-genb ghal got-tarag bi tlieta jew erba' msiemer forma ta' salib mhux kollha dritti, ghax l-imsiemer trid issallabhom, biex ix-*

[25] Fol.454
[26] Fol.455
[27] Fol.468
[28] Fol.470
[29] Fol.129-130

*xoghol jigi b'sahhtu, ghax jekk issammarhom kollha dritti ha taqsam l-injama. Imbaghad x'hin waqqaft il-waqqaf taghmel il-mindud ittih tlieta, bi tlieta tajjeb, ma ttihomlux dritti halli, ttihomlu ziguzajg, halli x-xoghol jigi sod hux…. msiemer apposta tal-injam hux. Taz-zewg pulzieri."*[30] Dwar l-msiemer li uza biex jorbot il-waaqaf mal-konkos uza msiemer tal-azzar *"Biex irbatt l-injama mall-konkos. Il'wieqfa rbatta mall-konkos b'dawk l-imsiemer tal-azzar, imbaghad il-minduda bl-imsiemer tal-injam li nghidulhom ahna n-normali bejn wahda u ohra. …. la nuza injam ta' zewg pulzieri u msiemer ta' zewg purzier, dan m'ghandekx ghalfejn tirbattih ghax dan ha jlahhaq tajjeb. Issa jekk tuza musmar twil ikollok ghalfejn tirbattih. U x'hin tirbattih la jkun musmar twil ha zzegleg ix-xoghol, ghax biex tirbattih trid ittih minn wara…"*. Farrugia jghid li biex jaghmlu dan hadlu gimgha.[31]

In kontro-ezami ssostni li *"Il-poggaman qieghed hemm ghas-safety mhux biex taghmel is-sahha mieghu dan it-tip ta' poggaman. Dan qieghed hemm just warning…. jien l-injam nghazlu hux, injam tajjeb nuza li jkun mhux b'sahhtu mhux ha naghmlu."*.[32] Jghid li wahdu l-oggett ma jixpakkax laqas jekk ikun mgherri bis-susa u kien maghmul b'sahhtu bizzejjed sabiex wiehed izzomm mieghu *"Iva bnejtu tajjeb"* liema xoghol sar minnu biss sabiex ikun zgurat li qed sar sew.[33] Dan it-tip ta' xoghol kien isir minnu ta' spiss *"kull fejn hemm il-periklu trid taghmlu…… Ifhimni la ghandi s-sengha biex naghmlu u ghandi l-permess li naghmlu…"*.[34] Farrugia jghid li permess biex jaghmel dan ix-xoghol ghandu mill-Works Department u jkompli *"x-xoghol tal-mason jikkonsisti f'dak ix-xoghol ukoll. Ix-xoghol tal-mason bennej jikkonsisti f'xoghol ta' bini, f'xoghol tas-sheeting, jekk trid naghmilha ta' bajjad ukoll, imbaghad inti taghzel parti fuqhiex trid tinxtehet hux."* u ghalhekk kien kapaci jahdmu.[35]

Dwar il-kundizzjoni tal-pellets jghid li kienet *"Tajba perfetta"* u li *"gonot trid idahhal bilfors. Ma tistax taghmlu shih…… fejn kien hemm bicca minduda maghmula minn zewg bicciet maghha kien hemm wahda wieqfa….. zewwaqthom bejn xulxin. Fejn ma lahhaqx l-injam jien ghamilt tnejn weqfin hdejn xulxin u bil-gonot ibbridgejajthom ma' xulxin il'waqqaf."*[36] Mistoqsi xi

---

30 Fol.471

31 Fol.473-474

32 Fol.475

33 Fol. 476

34 Fol.478

35 Fol.480-481

36 Fol.479-480

jfisser ghalih li l-injam ikun b'sahhtu jghid *"B'sahhtu li ma kienx fih hafna ingroppi jew hekk, ghax dik wahda mill-affarijiet importanti li ma jkunx fih hafna ngroppi, kien tajjeb ghal dak ix-xoghol."*[37]

Izda ta' rilevanza hija kif titkompla x-xhieda ta' Farrugia meta dak li jghid jerga' jigi kontradett minn dak li rrizulta lil Perit Aquilina tant li Farrugia jipprova jinsinwa li biex tqaccat kif tqaccat l-injam li sahansitra inqalghat ghal kollox minn mal-konkos u infetqet f'bicciet – kif ikkonstatata Aquilina- *"….Mela xi hadd mar jaqalghu u l-musmar baqa' gol-konkos."*[38] Madankollu jasal jikkonsentixxi li seta' gara dan ukoll anke jekk wiehed spicca habat fih u minn hawn jinbet id-dover li l-ilqugh ikun ta' sahha bizzejjed sabiex f'kaz li dan issehh ikun rinfurzat adekwatament biex b'hekk seta' jigi evitat dak li gara:

*"Qorti: Jekk jien inserrah mieghu..*
*Xhud: Le jekk isserrah mieghu mod..*
*Qorti: Jekk jien nintefa, hassni hazin u ntfajt mieghu..*
*Xhud: Hekk mod iehor hux jekk tintelaq bilfors.*
*Qorti: Jista' jigri hekk jigifieri jekk bniedem il-piz tieghu jahbat maghha tista' ssir hekk ukoll.*
*Xhud: Iva mela.*
*Qorti**: Jigifieri m'hemmx ghalfejn bilfors li wiehed ipprova bil-volonta' tieghu jaqalghu.***
***Xhud: Le le mhux hekk."***[39]

Illi l-**Perit Guido Vella** membru fi hdan il-Masons Board gie mistoqsi dwar dak li persuna licenzjata bhala 'mason' jew bennej ghandha kompetenza taghmel u senjatament jekk dan jinkludix xoghol bl-injam jibda biex jghid li hu dmir tieghu li jara li ma jkunx hemm periklu fuq il-post.[40] Jispecifika li l-ligi ma tispecifikax min irid jaghmel ix-xoghol bhal

---

[37] Fol.482
[38] Ibid.
[39] Fol.483-484
[40] Fol.495-497: *"Avukat 1: In-norma x'inhi? Li jagħmlu carpenter jew il-mason dat-taraġ? Dan ir-rail tal-injam?*
*Xhud: Ħeqq huwa jiġifieri l-kuntratturi jkollhom jgħidulhom steel fixers li jorbtu u jgħawwġu l-ħadid, ikollhom il-carpenters li jsammru l-injam u mbagħad jerġgħu jaqilgħuh, ikollhom in-naġġara li jonġru l-ġebel, il*
*Maġistrat: Ara Perit, jekk taf, taf, jekk ma tafx, ma tafx. Xogħol il-mason jikkomprendi wkoll li hu jagħmlu hu personalment injam biex jgħatti t-turġien? Iva jew le. Jew dak irid iġib xi ħadd tas-sengħa għalhekk?*
***Xhud: Xi ħadd tas-sengħa jrid ikun jiġifieri**.*

l-ilqugh izda biss li l-binja tkun f'idejn il-bennej u jekk ix-xoghol *"ikun basic carpentry, ghandu jkun jafu."*[41] Lejn tmiem ix-xhieda tieghu jghid li mason licenzjat *"Ghandu jkollu dik is-sena…Hekk nimmagina jiena"*[42] izda l-perit naqas milli jikkonferma dan b'mod definittiv u ssostna li kienet l-OHSA li setghet tikkonferma dan mhux hu.[43]

Fil-fatt huma r-***Regolamenti dwar is-Sigurtà tal-Bini (***Avviz Legali 96 tal-1968; L.S. 424.06) li *inter alia* jistipulaw id-dmirijiet ta' bennej. Dawn ir-regolamenti jibdew, biex jelenkaw dawk ix-xoghlijiet li jridu isiru taht kontroll u supervizjoni tal-bennej fosthom

> (c) it-twaqqif jew it-tibdil ta' l-armar;
> (d) il-kostruzzjoni ta' turgien**;** - Regolament 5(1)

Issa skond l-istess regolamenti –

> "armar" tfisser kull struttura temporanja li fuqha jew li minn fuqha n-nies jahdmu f 'xoghol li jkollu x'jaqsam ma' xoghol li ghalih japplikaw dawn ir-regolamenti,….. flimkien ma' kull irpar, tavla jew harsien iehor u t-taghmir kollu tat-twahhil,".

Ghalhekk mhemmx dubbju li l-irpar li gie mwahhal fit-turgien jaqa' taht din id-definizzjoni u ghalhekk <u>fil-manzjoni tal-*bennej licenzjat* skond l-artikolu 84 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.</u>

Illi gie ampjament pruvat li Alfred Farrugia hu bennej licenzjat.[44]

Ir-regolament 4 ikompli

> 4. Ikun <u>id-dmir ta' kull kuntrattur jew haddiehor li jimpjega l-haddiema</u> li jkun qed jaghmel xi wiehed mix-xoghlijiet li ghalihom japplikaw dawn ir-regolamenti li **jhares dak li hu mehtieg b'dawn ir-regolamenti**.

Illi fir-regolament 9 nsibu li –

---

*Maġistrat: U l-mason m'għandux dik is-sengħa skont int?*
***Xhud: Le. Il-mason qisu general contractor jiġifieri***
*Maġistrat: Kuntrattur.*
*Xhud: General contractor imbagħad hemm regolamenti sħaħ dawn skużi. Att tal-2000 tal-Awtorità tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol kif għandhom isiru l-affarijiet."*

41 Fol.499

42 Fol.500

43 Fol.501

44 Dok. AF a fol.485

(1) Kull armar u kull parti minnu ghandu jkun mahdum tajjeb, ta' materjal xieraq u b'sahhtu u ta' sahha xierqa ghall-iskop li ghalih ikun qieghed jmtuza.

Izda hu r-regolament 12 li jassumi rilevanza ghall-finijiet tal-akkuzi hekk kontestati meta jiddetta l-qisien tal-irpar fuq fethiet bhal ma hu tarag:-

***12. (1) Fil-kaz ta' xi ftuh, rokna, ksur jew tarf li minnu tista' taqa' persuna ghal distanza ta' iktar minn zewg metri, .... ghandu jkun hemm provdut jew -***

***(a) irpar xieraq ta' sahha bizzejjed sa gholi bejn <u>wiehed u disghin centimetru u mija u sebgha u tletin centimetru</u>*** *'l fuq mill-wicc li minn fuqu jistghu jghaddu persuni, flimkien ma' twavel jew ilqugh iehor sa gholi bizzejjed li f'ebda kaz ma ghandu jkun inqas minn hmistax-il centimetru, imqieghed b'dak il-mod li kemm jista' jkun jimpedixxi l-waqgha ta' persuni, materjal jew oggetti u hekk illi l-ispazju bejn kull tavla jew ilqugh iehor u l-irpar l-aktar baxx fuqu ma jkunx iktar minn sitta u sebghin centimetru; jew*

*(b) ghoti hekk kostruwit li jimpedixxi l-waqgha ta' persuni, materjal jew oggetti, liema ghoti jrid ikun jew immarkat b'mod li jidher u car jew ikun imwahhal sew f'postu.*

Illi l-Perit Aquulina fir-rapport minn tieghu kkonstata bosta mankanzi fil-kostruzzjoni tal-irpar tat-tarag, konstatazzjoni li tigi kkoroborata mill-ligi stess meta fir-**regolament 12 tistipula l-gholi li ghandu jkun hemm tal-guard rail ossia tal-irpar u cioe` li kellu jkun ta' gholi bejn 91cm u 137cm**:

*"It-tarag kellu lqugh ta' l-injam li kien inhadem minn bicciet tal-Pallets, bil-waqqafaat imsammra gol-konkos.* ***Il-poggaman kien gholi zewg piedi u erba' pulzieri (2'4") jew wiehed u sebghin centimetre (71cm).*** *Il-bicciet tal-injam kienu mizmghuma ma xulxin b'imsiemer li ma kienux twal u rbattuti.*

*Kien hemm l-ilqugh ta' mal-branka t-twila fin-naha tax-xellug maqlugha kollha minn mal-konkos u din kienet infethet bicciet. Kien hemm roqgha demm zghira fuq il-pjan kwadru li jmiss mal-Lift Shaft u <u>zewg Pallets mal-bieb tal-Lift Shaft</u> li wahda minnhom kellha ticpis tad-demm.*

<u>Konkluzjoni</u>

***…. Dak l-ilqugh kien pjuttost dghajjef peress li kien inhadem minn bicciet ta' njam tal-Pallets, circa metru twal li gew msammra ma xulxin bla ma l-imsiemer gew irbattuti.***

*Il-parti vertikali (pilastru) ta' dan l-ilqugh kien ukoll maghmul minn bicciet ta' njam Pallets u dawn kienu msammra ma ras it-tarag.* ***Dan l-irbit ukoll kien dghajjef, tant li kollox inqala minn postu."***[45]

Jigi sottolinejat ukoll li **fix-xhieda tieghu Farrugia jinsisti li ghal waqqaf u cioe` il-pilastru kien uza *"kurrenti tal-abjad"*** mixtri minghand Cortis ta' Haz-Zebbug, kif kellu drawwa jaghmel, ghax dan ikun aktar sod:

*Qorti: Minghand min tixtrih dejjem tixtri minghand l-istess bniedem?*
*Xhud: Dejjem minghand l-istess bniedem hux.*
*Qorti: Minghand min?*
*Xhud: Jew minghand ta' Cortis Haz-Zebbug.*
*Qorti: U bhala xiex tirreferi ghalih dak it-tip t'injam?*
*Dr Libreri: Meta tmur tixtri x'injam titolbu?*
*Xhud: Kurrenti tal-abjad.*
*Dr Libreri:* ***Issa l-poggaman li kien hemm fil-post minnu kien?***
*Xhud:* ***Minnu*** *u injam tal-kaxxi tal-pellets li tawni s-Sinjuri.* ***Ghal waqqaf uzajt minn dan.***
***Qorti: Ghal waqqaf tuza minn dak ghax iktar sod.***
***Xhud: Daqshekk hu.*** *U ghal mindud uzajt mill-injam li tawni s-Sinjuri."*[46]

Izda mill-ispezzjoni li saret fuq il-post tas-sinistru il-Perit Aquilina kkonkluda mod iehor u cioe` ***"Il-parti vertikali (pilastru) ta' dan l-ilqugh kien ukoll maghmul minn bicciet ta' njam Pallets.."***[47]

Ta' importanza kbira wkoll hu l-gholi li l-abbli Perit ddetermina tal-poggaman li kien biss ta' **71cm meta il-ligi tistipula li ghandu jkun gholi bejn 91cm u 137cm – 20cm anqas mill-minimu dettat mill-ligi**!!

Ghalhekk hawnhekk Farrugia naqas u naqas bil-kbir meta ma segwiex il-qisien stipulati bil-ligi stess.

Illi **Rudolph Rossignaud** fl-affidavit tieghu, kkonfermat fl-intjier tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella, spjega li hu kien inkariga lil Farrugia peress li kien *"midhla tal-post ghax kien diga hadem fil-*

[45] Fol.129-130
[46] Fol.470
[47] Fol.130

*post….u li kien debitament licenzjat ghal dan ix-xoghol."*[48] Meta kien sar l-access Margaret Rossignaud daret fuq Norman u rrikmarkat *"b'ton ironiku "Dan l-injam perpura".*[49] Kompla li filwaqt li l-appartamenti 1 sa 4 huma lesti ghall-kollox, dawk ta' Norman u martu, il-5 u s-6, baqghaw gebel u saqaf. Galadarba dawn l-appartamenti kienu gew finished, seta' jinbeda x-xoghol fuq il-lift, it-tarag u fil-kommun. Kien hemm anke dawl installat fil-kommun *"Jigifieri hija Norman seta' jixghel id-dawl biex jitla u biex jinzel it-tarag".* Iddikjara ukoll li hu u Ramon kienu hadu l-izbriga biex jevitaw perikli mhux biss billi dahhlu d-dawl fil-kommun izda ghamlu bieb xieraq ghal garage u twahhal Hadid fuq il-bejt, dwar liema kien hemm opposizzjoni minn Norman u martu w li dwaru saret il-kawza ta' spoll li fiha sar l-access imsemmi.[50]

Illi **Raymund (Ramon) Rossignaud** fl-affidavit tieghu kkonfermat quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella, spjega f'dettal id-diffikultajiet varji li ltaqaw maghhom hu u huh Rudolph sabiex titlesta l-binja. Semma dawk il-mizuri li ttiehdu minnhom it-tnejn sabiex jigi evitat periklu fuq il-post fosthom it-tarag li sar minn Alfred Farrugia fi Frar, 2012 peress li fil-5 ta' Marzu, 2012 kien ser issir access fil-fond. *"Il-bniedem li qabbadna Alfred Farrugia huwa bniedem kompetenti u ilu f'dan ix-xoghol snin twal u ghandu licenzja ghal dan it-tip ta' xoghlijiet".*[51] L-imputat kompla biex esebixxa dokumenti varji li juru li kien hemm numru ta' tentattivi da parti ta' Norman u Margaret Rossignaud sabiex ma jitkompliex ix-xoghol fil-common parts.

Illi wara li gew kkunsidrati l-provi mressqa mill-partijiet ser jigu kkunsidrati it-tieni u t-tielet akkuza, u cioe` dawk fil-konfront tal-ahwa Rossignaud u Alfred Farrugia rispettivament.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dik kontestata lill-ahwa Rudolph u Raymund (Ramon) Rossignaud ai termini tal-artikolu 6 tal-Att, fl-artikolu 2(1) tal-Att tinghata tifsira tal-frazi "min ihaddem" –

"min iħaddem" tfisser il-persuna li <u>għaliha jsir xogħol</u> jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew

[48] Fol.167
[49] Fol.168
[50] Ibid.
[51] Fol.182

subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, ……

Mill-provi prodotti jirrizulta li kien Rudolph Rossignaud, li kien inkariga lil Alfred Farrugia *"to erect a temporary wooden handrail from ground floor to roof level"*.[52] Minn naha tieghu Ramon Rossignaud fl-affidavit minn tieghu jiddikjara it-tarag sar minn Alfred Farrugia fi Frar, 2012, peress li fil-5 ta' Marzu, 2012 kien ser issir access fil-fond. *"Il-bniedem li qabbadna Alfred Farrugia huwa bniedem kompetenti u ilu f'dan ix-xoghol snin twal u ghandu licenzja ghal dan it-tip ta' xoghlijiet"*.[53]

Mhemmx dubbju ghalhekk li l-ahwa Rudolph u Ramon Rossignaud kienu inkarigaw lil Alfred Farrugia sabiex jaghmel l-irpar liema **xoghol kien certament tlesta sad-data tal-access li sar fil-5 ta' Marzu, 2012.** Fil-fatt din id-data terga' tissemma fl-istqarrija guramentata tal-istess Rudolph – Dok. GV1 – u cioe` bhala dik tal-5 ta' Marzu, 2012.[54]

Illi l-artikolu 6(1) li jipprovdi:

**6.** (1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:

Illi ma jirrizultax li Norman Rossignaud qatt inkariga lil Alfred Farrugia biex jaghmel l-irpar u ghalhekk ma jistax jinghad li x-xoghol kien qed isir ghalih ghalkemm kien ko-propjetarju. Ghalhekk ma hemm xejn fil-ligi li teskludi li Norman Rossignaud jigi meqjus bhala persuna affetwata bix-xoghol maghmul minn Alfred Farrugia li kien gie inkarigat u biex b'hekk jitqies li *"thaddem"* minn Rudolph u Ramon Rossignaud. Bid-dicitura uzata fl-artiklu 6(1) fejn il-legislaur jiddistinwgi bejn *"persuni kollha li jistghu jigu affettwati"* u l-persuna ta' *"min ihaddem"*, l-legislatur pjuttost eskluda l-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni meta min ihaddem ikun l-istess persuna afftewata bix-xoghol li jkun qieghed isisr. Izda f'dan il-kaz Norman ma kellu ebda rwol fl-ingaggar ta' Alfred Farrugia u ghalhekk jista' jitqies biss bhala persuna affetwata bix-xoghol maghmul minn Farrugia.

[52] Fol.64
[53] Fol.182
[54] Fol.167

Madanakollu l-istess dicitura tal-artiklu 6 titkellem fuq xogħol li jkun qiegħed isir" u mhux xoghol li jkun sar! Fil-fatt fit-test Ingliz jinghad hekk

**6.** (1) It shall be the duty of an employer to ensure the health and safety at all times of all persons who may be affected by the work being carried out for such employer:

Jirrizulta li sal-**5 ta' Marzu, 2012**, data tal-access, ix-xoghol kollu inkarigat mill-imputati Rossignuad lil Farrugia kien intemm. Ghalhekk fil-jum tas-sinistru ma kien hemm ebda xoghol li kien qieghed isir u ghaldaqstant ma tista' qatt tinstab htija taht dan l-artikolu. Fil-fatt l-artiklu 3 jipprovdi li *"Dan l-Att japplika għal-postijiet tax-xogħol kollha,…."* filwaqt li t-tifsira ta' "post tax-xogħol" hi dik ta'

"kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu".

Terga' issir riferenza ghat-test Ingliz:

"work place" means any premises, place, facility, vessel or other thing or location, whether public or private, where work is carried out or to which the worker has access in the course of his employment,…..

Minn din id-dicitura jirrizulta li ghall-finijiet tal-akkuza ravvizata b'dan l-artiklu, x-xoghol jinhtieg li jkun ghadu ghaddej u mhux meta dan ikun intemm, bhal ma gara fil-kaz in dezamina meta s-sinistru sehh tlett gimghat wara.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, dik ravvizata bl-artiklu 7(1) tal-Att kontestata lil Farrugia, tipprovdi

**7.** (1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.

Fit-test Ingliz jinghad:

**7.** (1) It shall be the duty of every worker to safeguard one's own health and safety and that of other persons who can be affected by reason of the work which is carried out.

Ma jistax ma jigix osservat li l-legislatur fit-test ingliz ta traduzzjoni differenti ghal frazi *"xogħol li jkun qiegħed isir"* fejn fl-artiklu 6 il-frazi

uzata hi *"being carried out"* izda fir-rigward tal-artiklu 7 jinghad *"work which is carried out".*

Illi **l-artikolu 74 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi illi:

Hlief kif provdut xort'ohra mill-Parlament, kull ligi ghandha ssir kemm bl-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliz u, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta' xi ligi, it-test Malti ghandu jipprevali.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u tenut kont li gie ampjament ppruvat li x-xoghlijiet fil-binja kienu ntemmu, bl-irpar jilhaq isir sad-data li fih sar l-access (wara kollox dan kien il-ghan li ghalih sar l-irpar) aktar minn tlett gimghat qabel ma sehh is-sinistru, din id-disposizzjoni ma tapplikax.

Dan ghaliex bid-definizzjoni li l-ligi stess taghti lil frazi *"post tax-xoghol"* maghdud mad-dicitura tal-ligi fl-artikoli 6 u 7 tal-Att, galadarba ix-xoghol ikun waqaf jew tlesta, ma jibqax applikabbli l-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Galadarba x-xoghol kien intemm, l-imputati ma setghux jigu akkuzati taht l-Att izda b'akkuzi ravvizati bl-artikolu 225 jew bl-artiklu 226 tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi maghdud dan kollu din il-Qorti tqis li l-istat li thalliet fih il-binja, bil-perikli gratwiti sforz ta' pika w antagonizmu li thalla jirrenja a skapitu tas-sigurta` tal-ko-propjetarji kollha, serviet ta' kagun ghall-korriment ta' Norman Rossignaud. Jirrizulta cjar li l-ahwa Rudolph u Ramon Rossignaud ilhom anzjuzi li x-xoghlijiet jitlestew ghal dawn l-ahhar 20 sena, biex b'hekk kwalunkwe periklu naxxenti mill-istat li thalliet fih il-binja, jigi eliminat. Ghal din il-pika nsensata w ludikra li konsegwenza taghha bini thalla fi stat ta' periklu, hallas l-ghola prezz Norman Rossignaud. L-imputati Rossignaud assiguraw li ttiehdu dawk il-miżuri biex ir-riskju tal-periklu kawzat minn tarag minghajr irpar, gie ridott kemm kien raġonevolment prattiku. L-obbligu taghhom taht il-ligi esegwewh meta inkarigaw lil Alfred Farrugia bennej licenzjat sabiex jaghmel dak ix-xoghol. Kif jirrizulta mir-regolamenti citati l-kompitu li jaghmel l-irpar kif gie inkarigat jaghmel Alfred Farrugia kien jaqa' fil-manzjonijiet tieghu bhala bennej licenzjat. Minn naha tieghu Alfred Farrugia, naqas serjament meta ma segwiex id-dettami tal-ligi senjatament dwar kif kellu jigi kostruwit dak l-irpar u l-materjal li ntuza biex dan jigi kostruwit. Kienu dawn il-mankanzi li wasslu ghall-

konkluzzjonijiet milhuqa mill-Perit Aquilina. L-abbli Perit kejjel il-waqqaf u li kien ta' 71 cm - 20 cm anqas mill-minimu stabbilit bir-regolament 12(1)(a) tar-Regolamenti dwar is- Sigurtà tal-Bini – li jistipula minimu ta' 91 cm. Ghar-ragunijiet gja moghtija l-akkuza kontestata lil Farrugia ma kellhiex tkun dik ai termini tal-artikolu 7 tal-Att li ma jsibx applikazzjoni meta x-xoghol inkun intemm.

Ghal dawn il-mottivi qed tillibera lill-imputati minn kwalunkwe htija u piena fuq l-akkuzi kollha migjuba.

In vista tax-xhieda tal-Perit Guido Vella, minn fejn jirrizulta li ma jkun hemm ebda *revision courses* ghal bennejja galadarba jkunu akkwistaw il-licenzja ta'bennej, filwaqt li semma wkoll kif bennejja li nhargetilhom il-licenzja qabel ma nbdiet il-prattika li jigu ezaminati kif beda jsir fl-ahhar snin, jibqghu ma jigux evalwati qabel ma l-licenzja titkompla tiggedded minn sena ghal sena, ghandu jigi kkunsidrat jekk wassalx iz-zmien fejn perjodikament bennejja jinghataw tahrig u qabel ma licenzja terga' tigi mgedda wara medda ta' snin, jigu evalwati sabiex jigi assigurat li l-benneja kollha licenzjati jissodisfaw il-vot tal-ligi.

Finalment filwaqt li hu risaput li f'kaz ta' zball ta dritt *ignorantia legis neminem excusat,* jinkombi fuq il-legislatur li l-ligijiet li jigu promulgati jkunu tali u f'format li c-cittadin, li ghandu obbligu jsegwihom, jitpogga' f'posizzjoni li jista' jaghmel dan. Wara kollox ic-certezza tad-dritt hi rekwizit fundamentali ghas-Saltna tad-Dritt. Disposizzjonijiet legali mxerrda f'diversi ligijiet u regolamenti sahansitra ta' spiss jikkontribwixxu sabiex tinholoq incertezza legali. Wasal ghalhekk iz-zmien li jigi kkunsidrat serjament jekk hux il-kaz li fir-rigward tal-ligijiet u regolamenti li jirregolaw is-settur tal-bini, dawn jigu konsolidati. Tali konsolidazzjoni filwaqt li sservi sabiex jigu indirizzati *lacunae* potenzjali, tkun strumentali sabiex f'korp legislattiv wahdani, jinholoq qafas legislattiv li jippermetti d-diversi atturi f'dan is-settur isegwuh aktar facilment. Fl-ahhar mill-ahhar igawdi l-istess pajjiz kkunsidrat l-importanza dejjem tikber ta' dan is-settur kemm mill-latt socjali kif ukoll dak ekonomiku.

Il-Qorti qed tordna li l-licenzja ta' Alfred Farrugia esebita *animo ritirandi* tigi ritornata lilu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**